MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 1129/2006/1

**Helen Tabone u Lorenza Galea**

**v.**

**Mike Services Station Ltd u Saviour, Francis, Alfred, Carmelo, Salvino u Anthony ilkoll Gauci u b'digriet tad-9 ta' Jannar 2015 stante l-mewt ta' Salvino Gauci l-atti gew trasfuzi f'isem Mary armla ta' Saviour Gauci**

**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tal-attrici Helen Tabone mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Gunju 2011, li permezz tieghu qed titolbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza billi cahdet it-talbiet kollha attrici u dan billi minflok, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet taghha;

L-appell gie differit ghas-sentenza wara illi l-Avukati rispettivi ghamlu t-trattazzjoni taghhom fis-seduta tas-17 ta' Frar 2015. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

> "Rat ir-rikors guramentat ta' Helen Tabone (ID 756752 M) u Lawrence Galea (ID 701241 M) datat 20 ta' Dicembru 2006 a fol. 1 tal-process fejn espona:-
>
> "Illi l-atturi flimkien ma' Mary Rose Farrugia, Saviour, Francis, Alfred, Carmelo u Salvino Gauci huma lkoll ahwa u jigu t-tfal tal-mejjet Michele Gauci u l-hajja Carmela Gauci.

"Illi missierhom Michele Gauci miet fid-29 ta' Dicembru 1996 u *ai termini* tat-testment Unica Carta ma' martu Carmela, liema testment hu datat 6 ta' Awwissu 1992, Michele Gauci halla fi piena propjeta` kwart indiviz tal-wirt tieghu u l-usufrutt generali tat-tliet kwarti indivizi l-ohra tal-wirt lil martu filwaqt li uliedu kollha salv ghal Mary Rose Farrugia gew nominati eredi universali proprjetarji u padruni assoluti tal-gid f'sehem indaqs.

"Illi l-atturi flimkien ma' ommhom Carmela gew a konoxxenza tal-fatt li missierhom Michele Gauci fi-20 ta' Dicembru 1983 ikkonceda b'titolu ta' subenfitewsa perpetwa ghal dejjem lis-socjeta` konvenuta u cjoe` Mike Service Station Limited bil-hlas ta' tletin elf u tliet mitt lira maltin (Lm30,300) l-ambjent konsistenti f'Service Station bil-bitha warajha tal-kejl ta' 817m f'showroom fuq in-naha tax-xellug, *garage* u bitha ohra ta' kejl 160 m kollha f'Main Str Qormi u dan fl-atti tan-Nutar Dr Joe Sciberras u dan adinsaputa tal-istess Carmela Gauci.

"Illi rrizulta illi s-*shareholders* tal-Kumpanija Mike Service Station Limited mhuma hadd hlief Michele Gauci u uliedu s-subien.

"Illi fuq dan il-kuntratt Michele Gauci ma deherx ghan-nom ta' martu.

"Illi nofs il-proprjeta` kienet tappartjeni lil martu u cjoe lil Carmela Gauci ghalhekk huwa seta jitrasferixxi biss sehmu.

"Illi l-konvenuti ammettew illi ommhom ma kienet taf b'xejn b'dan it-trasferiment izda qed isostnu illi l-*Petrol station* tappartjeni biss lilhom.

"Illi l-esponenti jafu personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

"Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

“1. Tiddikjara li Carmela Cauci hija proprjetarja tal-*Petrol station* fi kwoti ndaqs bhal zewgha.

“2. Tiddikjara li Carmela Gauci qatt ma ttrasferiet sehemha.

“3. Tiddikjara li Michele Gauci seta` biss jittrasferixxi sehemu u mhux sehem martu lis-socjeta` konvenuta.

“4. Tiddikjara li l-kuntratt maghmul minn Michele Gauci fl-20 ta’ Dicembru 1983 fejn ikkonceda b’titolu ta’ subenfitewsa perpetwa ghal dejjem lis-socjeta` Mike Service Station Limited huwa null.

“Rat il-lista tax-xhieda esebita a fol. 3 tal-process.

“Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ Marzu 2007.

“Rat ir-risposta guramenta tas-socjeta` Mike Service Station Limited (C5743) datata 22 ta’ Jannar 2007 a fol. 12 tal-process fejn Salvatore Gauci ID 810347 M ghan-nom tal-istess socjeta` kif dibutament awtorizzat bil-gurament eccepixxa illi:-

“1. Preliminarjament illi kull azzjoni (jekk attwalment tezisti xi azzjoni li hi legalment proponibbli ghar-rexissjoni ta’ dan il-kuntratt) ghar-rexissjoni tal-kuntratt tal-20 ta’ Dicembru 1983 fl-atti tan-Nutar Joe Sciberras, li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, hi preskritta, u s-socjeta’ esponenti tkun f’posizzjoni li tindika l-artikolu tal-ligi relattiv applikabbli ghal din il-preskrizzjoni meta r-rikorrenti jindikaw taht liema disposizzjoni tal-ligi qed isejsu l-azzjoni taghhom.

“2. Illi *in linea* preliminari wkoll ir-rikorrenti m’ghandhom assolutament l-ebda interess guridiku biex jipproponu l-azzjoni odjerna.

“3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ambjent mertu ta’ din il-kawza, kif rizultanti mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Sciberras datat 20 ta’ Dicembru 1983, kien gie mghoddi lis-socjeta’ esponenti Mike Service Station Limited b’titolu ta’ sub-enfitewsi perpetwa minn missier il-partijiet ahwa Gauci u cioe` Michele Gauci.

“4. Illi l-imsemmi kuntratt tal-20 ta’ Dicembru 1983 sar bl-aktar mod regolari u perfettament in konsonanza mal-ligi vigenti f’dak iz-zmien, fejn l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kienet tmiss lir-ragel biss, illi quddiem it-terzi seta’ jaghmel b’dawn l-akkwisti daqs li kienu hwejgu, u ghaldaqstant it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur ghandhom jigu michuda.

“5. Illi l-allegazzjoni kontenuta f’paragrafu 3 u 7 tar-rikors promotur fis-sens li Carmela Gauci ma kenitx taf bil-kuntratt appena citat, u li l-intimati ahwa Gauci ammetew li ommhom ma kienet taf b’xejn dwar dan it-trasferiment, hi allegazzjoni altament infondata u inveritiera, ghalkemm f’kull kaz din tibqa’ allegazzjoni ghal kollox irrelevanti guridikament ghall-kawza odjerna.

“6. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

“Rar ir-risposta guramentata ta’ Francis ID 0531840 M, Alfred ID 0487843 M, Carmelo ID 467846 M, Salvino ID 810347 M u Anthony ID 179361 M ilkoll ahwa Gauci datata 22 ta’ Jannar 2007 a fol 15 tal-process fejn Salvatore *sive* Salvino Gauci ID 810347 M bil-gurament eccepizza illi:

“1. Preliminarjament illi kull azzjoni (jekk attwalment tezisti xi azzjoni li hi legalment proponibbli ghar-rexissjoni ta’ dan il-kuntratt) ghar-rexissjoni tal-kuntratt tal-20 ta’ Dicembru 1983 fl-atti tan-Nutar Joe Sciberras, li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, hi preskritta, u l-esponenti jkunu f’posizzjoni li jindikaw l-artikolu tal-ligi relattiv applikabbli ghal din il-preskrizzjoni meta r-rikorrenti jindikaw taht liema disposizzjoni tal-ligi qed isejsu l-azzjoni taghhom.

“2. Illi *in linea* preliminari wkoll ir-rikorrenti m’ghandhom assolutament l-ebda interess guridiku biex jipproponu l-azzjoni odjerna.

“3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ambjent mertu ta’ din il-kawza, kif rizultanti mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joe Sciberras datat 20 ta’ Dicembru 1983, kien gie mghoddi lis-socjeta` intimata Mike Service Station Limited b’titolu ta’ sub-enfitewsi perpetwa minn missier il-partijiet ahwa Gauci u cioe’ Michele Gauci.

“4. Illi l-imsemmi kuntratt tal-20 ta’ Dicembru 1983 sar bl-aktar mod regolari u perfettament in konsonanza mal-ligi vigenti f’dak iz-zmien, fejn l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kienet tmiss lir-ragel biss, illi quddiem it-terzi seta’ jaghmel b’dawn l-akkwisti daqs li kienu hwejgu, u ghaldaqstant it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur ghandhom jigu michuda.

“5. Illi l-allegazzjoni kontenuta f’paragrafu 3 u 7 tar-rikors promotur fis-sens li Carmela Gauci ma kenitx taf bil-kuntratt appena citat, u li l-intimati ahwa Gauci ammettew li ommhom ma kienet taf b’xejn dwar dan it-trasferiment, hi allegazzjoni altament infondata u inveritiera, ghalkemm f’kull kaz din tibqa’ allegazzjoni ghal kollox irrelevanti guridikament ghall-kawza odjera.

“6. Illi fl-ahharnett l-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrenti ghandhom jitolbu l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza billi l-esponent Anthony Gauci thalla barra mill-okkju, ghalkemm fl-ahhar parti tar-rikors imbaghad hu indikat bhala konvenut u fil-fatt gie notifikat bir-rikors odjern.

“7. Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness ta’ Francis ID 0531840M, Alfred ID 0487843M, Carmelo ID 467846M, Salvino ID 810347M u Anthony ID 179361M ilkoll ahwa Gauci a fol. 16 *et seq* tal-process.

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2007 il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Noel Bartolo biex jiffissa s-seduti ghall-konkluzjoni tal- provi tal-partijiet.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Helen Tabone et datata 24 ta’ Marzu 2009 a fol 126 tal-process.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti Francis, Saviour, Alfred, Anthony, Carmelo u Salvino Gauci datata 14 ta’ April 2009 a fol 133 tal-process.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` Mike Service Station Limited datata 14 ta’ April 2009 a fol 134 tal- process.

“Rat in-nota tal-Perit Legali datata 17 ta’ Frar 2010 a fol 145 tal-process.

“Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Noel Bartolo flimkien max-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti esebiti, u r-rapport tal-istess Perit Legali pprezentat fit-2 ta’ Novembru 2010 u mahluf fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 2011, liema rapport jinsab esbebit a fol 162 tal-process.

“Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fit-18 ta’ Mejju 2011 fejn meta ssjehet il-kawza deher Dr. Robert Abela ghall-konvenuti kollha, u l-Perit Legali Dr. Noel Bartolo. Dr. Abela nforma lill-Qorti li Dr Norma Vella ghall-atturi kienet qablet li l-kawza tista’ tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-setenza in difett ta’ ostakolu ghat-23 ta’ ta’ Gunju 2011.

“Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

“Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

“Rat id-dokumenti esebiti.

“Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**“II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Illi l-azzjoni attrici saret sabiex jigi ddikjarat li Carmela Gauci (omm l-atturi) kienet proprjetarja ta’ nofs indiviz tal-*petrol station* bl-isem Mike Service Station indaqs bhal zewgha, u li hija qatt ma ttrasferiet sehemha mill-*petrol station* lis-socjeta’ konvenuta Mike Service Station Limited u li allura Michele Gauci (missier l-atturi) seta` biss jittrasferixxi sehemu u mhux sehem martu lis-socjeta konvenuta, u konsegwentment allura l-atturi talbu li din il-Qorti ghandha tiddikjara bhala null il-kuntratt ta’ subenfitewsi perpetwa mghoti minn missier il-kontendenti lis-socjeta intimata Mike Service Station Limited in forza ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras tal-20 ta’ Dicembru 1983 u dan skond l-erba’ talbiet kontenuti fir-rikors guramentat tal-atturi Helen Tabone u Lorenza Galea, li flimkien ma’ Francis Gauci, Saviour Gauci, Alfred Gauci, Carmelo u Salvino Gauci, huma eredi ta’ Michele Gauci, li miet fid-29 ta’ Dicembru 1996.

“Illi l-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni, in-nuqqas ta’ interess guridiku, l-infondatezza tat-talba attrici essendo l-kuntratt *de quo* huwa wiehed perfettament skond il-Ligi.

“Illi l-atturi ddikjaraw li bbazaw l-azzjoni taghhom fuq l-artikoli **1322 (2), 1320(a), 1021, 998, 999, 1001, 491 u 495 tal-Kap.16.** F’dan ir-rigward jinghad li l-azzjoni attrici bl-ebda mod ma tista tinkwadra ruhha taht **l-artikoli 1021, 998, 999, 1001, 491 u 495 tal-Kap.16** u dan ghaliex ma jezistux l-elementi essenzjali fil-premessi attrici sabiex tali disposizzjonijiet jigu b’xi mod sodisfatti. Fi kwalunkwe kaz kwalsiasi azzjoni talvolta bbazata jew derivanti minn tali artikoli tista tkun ezercitata biss minn Carmela Gauci (omm l-atturi), u certament li din il-kawza ma gietx istitwita minnha. Ghaldaqstant minn dan il-lat il-kawza attrici bbazata fuq tali artikolu ma tistax tirnexxi u qed tigi michuda nkwantu bbazata fuq l-istess.

“Illi minn naha l-ohra jekk l-azzjoni attrici tigi kkunsidrata taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli **1322 u 1320 tal-Kap. 16** jirrizulta li dawn l-artikoli ma kienux ghadhom fis-sehh fil-Ligi taghna fid-data tal-publikazzjoni tal-kuntratt in

kwistjoni li cjoe' fl-20 ta' Dicembru 1983 u allura l-Ligi applikabbli hija dik vigenti dak iz-zmien. L-artikolu/i tal-Ligi relattiv kif kien vigenti fiz-zmien il-kuntratt kien **l-artikolu 1318 tal-Kap 16** li kien jipprovi li:-

> *""The administration of the acquests and the right to sue and be sued in respect of such acquests appertains to the husband; but he may not alienate or hypothecate such acquests without the conset of the wife except under an onerous title or to satisfy obligations imposed on him by law."*

"Illi minn dan l-artikolu johrog car li l-kuntratt iffirmat bejn missier il-kontendenti Michele Gauci u s-socjeta konvenuta huwa perfettament skond din il-Ligi in kwantu Michele Gauci kellu kull dritt skond din il-ligi li jittrasferixxi l-*petrol station* lis-socjeta konvenuta u dan anke minghajr il-kunsens tal-mara. In fatti l-kuntratt *de quo* huwa kuntratt fejn il-missier qieghed jittrafsferixxi b'titolu oneruz (Dok. "SG" – fol. 117).

"Illi jirrizulta li kif ikkonstata l-Perit Legali kollox sar regolarment b'dan li jirrizulta car mill-provi prodotti li l-imsemmi Michele Gauci dejjem wahdu deher fuq kuntratti ta' trasferiment, u dan kemm ghat-trasferiment tal-*Petrol station* mertu tal-kawza odjerna, u kemm ghat-trasferimenti ta' immobbli ohra li huwa ghamel favur l-atturi nfushom. F'dan il-kuntest ma jidhirx li fir-rigward ta' dawn l-ahhar trasferimenti l-atturi ghandhom xi kontestazzjoni ta' validita' tal-istess minkejja li missierhom (bhal fil-kaz tal-*petrol station*) deher wahdu u ommhom ma deheritx. Infatti jirrizulta li l-mod kif il-missier ikkomporta ruhu kienet wahda konsistenti mal-mod kif dejjem agixxa bhala missier il-kontendenti u kienet wahda perfettament in linja ma` kif kienu jghixu dak iz-zmien u cioe' fejn ir-ragel ma kellux bzonn il-firma wkoll tal-mara u dan kien kollu skond il-ligi dak iz-zmien vigenti.

"Illi dan ifisser li ezaminata l-kawza minn din il-lenti, jidher li t-talba attrici ma tistax tirnexxi u b'hekk jirrizulta li t-talbiet attrici huma kompletament bla ebda fundament legali u fattwali u qed jigu michuda.

"Illi ghall-grazzja tal-argument biss jinghad ukoll li kieku t-talbiet attrici kellhom jigu ezaminati fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-ligi llum, xorta wahda l-azzjoni attrici ma kienitx tirnexxi u dan ghaliex l-artikolu 1322 (2) jipprovdi li:-

*““Il-jedd li jitwettqu l-atti ta’ amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien.”*

“Illi ma hemm l-ebda dubju li l-att ta’ trasferiment tal-*petrol station* huwa wiehed ta’ amministrazzjoni starordinarja u ghalhekk skond id-disposizzjoni ta’ dan l-artikolu tali att kien jispetta lill-konjugi flimkien.

“Illi f’din il-kawza l-atturi qed jikkontendu li t-trasferiment tal-*petrol station* sar minghajr il-kunsens ta’ ommhom Carmela Gauci, izda din il-Qorti thoss li apparti l-fatt li ma ngabetx l-ahjar prova ta’ dan il-fatt – l-ahjar prova kienet tkun dik ta’ Carmela Gauci nnifisha – li f’dawn il-proceduri ma xeheditx, u allura kull ma ghandek huwa x-xhieda tal-atturi nfushom li huma dijametrikament michuda mill-konvenuti, xorta wahda l-azzjoni attrici trid tghaddi mit-test tal-**artikolu 1326** sollevat mill-konvenuti biex tirnexxi ossia l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

“Illi dan l-artikolu jghid hekk:-

*““(1) Atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-ahhar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-holqien ta’ jedd reali jew personali fuq proprjeta immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjeta mobbli dawn jistghu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw b’titolu gratuwitu. (2) Kull azzjoni ghal annullament tista’ tittiehed biss mill-parti li kien mehtieg il-kunsens taghha u fiz-zmien perentorju ta’ tlett snin -*

“(a) mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att, jew

“(b) mid-data tar-registrazzjoni, meta dak l-att jehtieg re[istrazzjoni, jew

“(c) mid-data li tintemm il-komunjoni ta’ l-akkwisti, skond liema tkun l-ewwel data.”

"Illi m'hemmx dubbju li l-azzjoni attrici, rinfaccjata bl-artikolu sudett, ma tista` qatt tirnexxi in kwantu tehel fuq zewg elementi essenzjali rikjesti minn dan l-artikolu ossia; (a) il-persuna li hija ntitolata tippromwovi l-azzjoni u (b) t-terminu entro liema trid tigi ezerciatata l-azzjoni. F'dan il-kuntest jinghad li huwa car li **l-artikolu 1326** jitkellem fuq il-parti mizzewga bhala l-parti li trid tippromwovi l-kawza peress li huwa l-kunsens ta' dik il-parti li kien jehtieg li jigi ottenut u li pero ma giex miksub. Jirrizulta bla ebda dubju li din il-kawza ma saritx minn mart Michele Gauci izda minn zewg uliedu li ghall-finijiet ta' dan l-artikolu m'ghandhom ebda *locus standi.* Ma`dan jinghad li l-azzjoni per se hija preskritta peress li l-Ligi tghid li l-kawza trid issir entro perjodu ta' dekadenza ta' 3 snin mid-data tar-registrazzjoni tal-att jew meta dik il-parti ssir taf bl-att jew meta tigi tterminata l-komunjoni, skond liema data tigi l-ewwel. F'dan il-kaz l-ewwel data hija dik tar-registrazzjoni li hija fin-1984 u allura zgur li ghadda t-terminu preskritt; pero' anke kieku ghall-grazzja tal-argument kellha tigi adoperata d-data meta omm l-atturi saret taf bit-trasferiment ghall-finijiet ta' terminu preskrittiv, xorta wahda ghadda t-terminu ta' 3 snin ghaliex kif tajjeb argumentaw il-konvenuti, l-atturi u ommhom kienu jafu bit-trasferiment mill-anqas mill-5 ta' Dicembru 2002, kif jirrizulta meta huma gew notifikati bic-cedola tal-fidi tac-cens (Dok. "RA 2" – fol. 109) f'Dicembru 2002 u billi din il-kawza nfethet fl-20 ta' Dicembru 2006 allura anke taht dan il-parametru l-kawza hi preskritta. Ghalhekk huwa car li l-azzjoni attrici, anke kieku koncepibbli taht il-ligi odjerna, u setghet tigi b'xi mod ikkunsidrata taht l-istess kien tkun preskritta skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1326 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigi michuda.

**"III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Francis Gauci et u s-socjeta' konvenuta Mike Service Station Limited kontenuti fir-risposti guramentati taghhom rispettivi datati 22 ta' Jannar 2011 in kwantu l-istess huma konformi ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi f'din is-sentenza.

"Bl-ispejjez kontra l-atturi."

**Rikors tal-appell tal-attrici Helen Tabone**

L-attrici Tabone hassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravju taghha huwa li s-sentenza kollha ma kinitx korreta u gusta u allura t-talbiet taghha kellhom jigu milqugha; tghid ukoll li l-ispejjez kellhom jigu addossati lill-konvenuti, izda huwa car li din it-tieni kwistjoni hija ghal kollox dipendenti fuq l-ezitu tat-talbiet attrici.

**Risposta tal-appell tal-atturi**

Il-konvenuti wiegbu biex jghidu li s-sentenza ppronunzjata mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

**Produzzjoni ta' dokument**

Mar-risposta taghhom l-appellati pprezentaw kopja legali tal-kuntratt inkwistjoni ghaliex jidher li dan qatt ma gie prodott fit-trattazzjoni tal-kawza fl-ewwel istanza ghalkemm giet esebita kopja informi. Dan ghaliex il-kopja legali msemmija ghandha anness maghha r-rizoluzzjoni li permezz taghha s-socjeta` appellata awtorizzat lill-appellati Saviour u Alfred Gauci biex jidhru f'isimha fuq il-kuntratt. L-appellanti opponiet ghal din il-produzzjoni meta gie

trattat l-appell. Din il-materja giet trattata ricentement minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Charles Grech v. Atlas Insurance (6 ta' Frar 2015).** Il-Qorti fost affarijiet ohra qalet hekk:

> *"Huwa evidenti li f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell ghandha certa diskrezzjoni biex tammetti lill-partijiet jipprezentaw xhieda jew dokumenti li ma gewx prezentati waqt it-trattazzjoni tal-kawza fl-Ewwel grad u meta jkun hemm opposizzjoni ghal dan hija ghandha l-fakolta` li tikkonsidra dan. Dan ghandu jsir skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 u huwa evidenti li dak li seta' gie prodott quddiem l-Ewwel Qorti ma ghandux bhala regola jigi ammess bhala prova quddiem il-Qorti tal-Appell." (ara* ***Dottor Eric Mamo nomine v. Joseph Muscat, Qorti tal-Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u Salvu Busuttil v. Veneranda Busuttil, Qorti tal-Appell, 27 ta' Frar 1985*** *u s-sentenza riportata* ***fil-Vol, XXXVIII-I-382 Carmelo Zammit v. Salvatore Mifsud).***

Fil-kaz in ezami l-Qorti pero` jidrilha li ghandha tammetti dan id-dokument anke jekk kif se jirrizulta aktar 'il quddiem, il-valur probatorju tieghu huwa minimu peress li l-kawza giet deciza fuq kwistjonijiet prettament legali ohrajn u l-istess se jsir f'dan l-istadju tal-appell. Il-Qorti jidrilha li ghandha tirrimarka li anzi kien jispetta lill-appellanti li tesebixxi l-kopja intiera u legali tal-kuntratt mal-intavolar tal-kawza (Artikolu 156 (2) tal-Kap. 12).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Kif inghad, l-appellanti ssostni li s-sentenza ma kinitx gusta u korretta u allura ghandha tigi revokata billi l-Qorti tilqa' t-talbiet taghha. Din il-Qorti tghaddi biex

tghid mill-ewwel illi ma taqbel xejn mal-aggravji li elenkat l-appellanti fir-rikors tal-appell taghha.

L-aggravji kollha tista' tghid jikkoncentraw ruhhom fuq l-*ingustizzja* li kkawza l-kuntratt inkwistjoni fejn il-gestjoni tal-*petrol station* giet mghoddija lill-konvenuti u l-atturi *inqalghu barra*. L-atturi setghu kellhom kull ragun ihossu li gara dan izda indubbjament li kollox sar skont il-ligi. L-ilment li missierhom ma setax jittrasferixxi l-proprjeta` minghajr ma martu tkun prezenti ma huwiex korrett ghaliex meta sar il-kuntratt fl-1983, l-istess missierhom seta' jidher wahdu fuq kwalunkwe kuntratt u jittrasferixxi proprjeta` tal-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1318 tal-Kap. 16 <u>ta' dak iz zmien</u>). L-emendi li permezz taghhom dan ma setax isir, saru circa ghaxar snin wara. Kwindi kif irrimarkat l-ewwel Qorti, il-kuntratt kien validu taht kull aspett.

Ir-rikors promotur jindika biss dan bhala kawzali ghat-thassir tal-kuntratt izda waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tal-appellanti issollevat il-kwistjoni tas-simulazzjoni; madankollu minn ezami tal-atti dan ma giex provat - anzi assolutament ma jirrizultax. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Grech v. Julian Zammit Tabone et (4 ta' Dicembru 1998**), *"fejn il-konvenzjoni tirrizulta cara, u mill-volonta` tal-kontraenti liberament espressa, tirrizulta inekwivoka, mhux lecitu ghal Qorti li tinterpreta tali konvenzjoni jew tinterpreta motivazzjoni ulterjuri li la tirrizulta mid-dicitura tal-ftehim u lanqas minn cirkostanzi ohra."*

F'kull kaz, l-azzjoni bbazata fuq simulazzjoni hija preskritta (kif eccepew l-appellati) bit-trapass tat-tletin sena (ara s-sentenza fl-ismijiet **Emanuela Case v. Dr. Carmelo Agius nomine Prim'Awla, 23 ta' Gunju 1964**) u ghaddew aktar minn tletin sena mill-1983 sal-2006 meta giet intavolata l-kawza.

**Interress guridiku**

Oltre dan, din il-Qorti jidrilha illi l-atturi fil-kawza u cioe` l-appellanti u huha Lorenzo Gauci ma kellhomx lanqas l-interess guridiku biex jipproponu l-kawza kif proposta; l-unika persuna li setghet tavvanza t-talbiet kif dedotti kienet ommhom li evidentement kienet ghadha hajja meta giet istitwita l-kawza (u li lanqas xehdet).

Fis-sentenza fl-ismijet **Muscat v. Buttigieg (27 ta' Marzu 1990**) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili spjegat illi skont id-duttrina u gurisprudenza nostrali l-interess guridiku gie definit bhala *la misura dell azione*; u li l-interess irid ikun:

1. guridiku, jigifieri domanda jrid ikollha ipotesi ta' ezistenza ta' dritt u vjolazzjoni tieghu;

2. dirett u personali, fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew il-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwardja l-attur, hlief fl-azzjoni popolari;

3. attwali, fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt.

Huwa evidenti li t-tieni rekwizit huwa mankanti f'din il-kawza ghaliex l-interess avvanzat fir-rikors promotur ma jirrigwardjax lill-atturi izda lil persuna ohra. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet ukoll gustifikata li tilqa' din l-eccezzjoni.

**Ghalhekk l-aggravji avvanzati fil-mertu huma respinti.**

**<u>Dwar it-tieni aggravju</u>**

Kif issemma l-appellanti tilmenta mill-fatt li giet ordnata thallas l-ispejjez tal-kawza. Madankollu huwa evidenti li l-ewwel Qorti ma kellha, kif ukoll din il-Qorti ma ghandha, ebda raguni ghaliex tiddipartixxi mill-principju regolat mill-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 illi jghid "***li l-Qorti ghandha tikkundanna l-parti telliefa biex thallas l-ispejjez tal-kawza***"; is-sub-inciz (3) tal-istess artiklu jghid li l-Qorti tista' tikkundanna lill kull parti thallas l-ispejjez taghha *"meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra".* Huwa evidenti li l-

eccezzjoni tas-sub-inciz (3) ma ghandha ebda applikazzjoni ragonevoli ghal kaz in ezami u **allura dan l-aggravju huwa michud ukoll.**

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-appell tal-attrici Tabone u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata; l-ispejjez kollha tal-appell ukoll a karigu tal-istess attrici appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------